

Lussemburgu, 20 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14074/25

COASI 126	AG 157
ASIE 43	POLMIL 312
CFSP/PESC 1481	POLCOM 300
RELEX 1304	DIGIT 198
ENER 531	AGRI 496
ENV 1028	TRANS 472
CLIMA 441	EDUC 386
DEVGEN 177	MIGR 349
ECOFIN 1356	GLOBAL GATEWAY 34
COMPET 1019	MOG 124
RECH 446	CYBER 275
FIN 1213	CT 129

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Ottubru 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13676/25 + ADD 1	
Suġġett:	Aġenda Strateġika Ġdida bejn l-UE u l-Indja – Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Ottubru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda Strateġika l-ġdida bejn l-UE u l-Indja, kif approvati mill-Kunsill fl-4125 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Ottubru 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda Strateġika l-ġdida bejn l-UE u l-Indja

1. Il-Kunsill jilqa' l-impetu qawwi fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indja, kif juri l-impenn tal-UE għall-Aġenda Strateġika l-ġdida mal-Indja, imħabbra mill-President tal-Kummissjoni fil-Linji Gwida Politiċi 2024-2029, kif ukoll miż-żjara tal-Kulleġġ tal-Kummissarji fl-Indja fi Frar 2025. Kooperazzjoni msaħħa politika, kummerċjali, ekonomika, ta' riċerka u innovazzjoni, u ta' sigurtà bejn l-UE u l-Indja tista' tappoġġa t-twassil ta' prosperità u stabbiltà liż-żewġ popli.
2. Il-Kunsill japprova l-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Aġenda Strateġika Ġdida bejn l-UE u l-Indja" mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni Ewropea, u l-pilastri ta' prijarità li hija tidentifika biex tapprofondixxi r-rabtiet bejn l-UE u l-Indja, inkluż il-prosperità u s-sostenibbiltà, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, is-sigurtà u d-difiża, u l-konnettività u l-kwistjonijiet dinjija, mirfuda mill-faċilitaturi ewlenin bejn il-pilastri kollha.
3. Il-Kunsill jinnota li daww il-prijoritajiet huma interkonnessi, reċiprokament rinforzanti u huma fl-interess komuni kemm tal-UE u kif ukoll tal-Indja. Il-prijoritajiet iwieġbu għall-ħtiġijiet, l-opportunitajiet u t-theddid emerġenti f'kuntest ġeopolitiku kkaratterizzat minn instabbiltà u imprevedibbiltà. Fuq livell bilaterali, reġjonali u dinji, l-azzjoni konġunta u d-djalogu permezz tas-Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Indja jistgħu jagħtu riżultati għaż-żewġ naħat.
4. Il-Kunsill jilqa' l-inizjattivi previsti fil-Komunikazzjoni Konġunta biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u s-sigurtà ekonomika u biex tiġi indirizzata kwalunkwe sfida għal daww l-għanijiet permezz tat-tisħiħ u d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, u l-ftuħ tas-swieq.

5. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi biex jiġi konkluż Ftehim ta' Kummerċ Fieles (FTA) ibbilanċjat, ambizzjuż, ta' benefiċċju reċiproku u ekonomikament sinifikanti. Filwaqt li nżommu f'moħħna dak l-oġġettiv, infakkru l-għan kemm tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll tal-gvern Indjan li jiffinalizzaw in-negozjati sa tmiem din is-sena. Dan irid jinkludi aċċess imtejjeb għas-suq, it-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ, u dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli. L-investment dirett barrani huwa mutur kruċjali għat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp teknoloġiku. Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi mill-UE u l-Indja biex jinholq ambjent ta' investment aktar miftuħ u trasparenti, inkluż permezz tal-FTA, il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija (TTC) bejn l-UE u l-Indja u l-ħidma tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju inkluż il-Federazzjoni tan-Negozju Ewropew fl-Indja (FEBI). Il-Kunsill jappoġġa wkoll sforzi biex jiġi konkluż, b'mod parallel, il-Ftehim ta' Protezzjoni ta' Investment (IPA) u Ftehim dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi bejn l-UE u l-Indja.
6. Il-Kunsill jappoġġa t-tisħiħ tal-ħidma tat-TTC f'oqsma li huma indispensabbli għas-sigurtà ekonomika, il-prosperità u l-istabbiltà, inkluż id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji tal-enerġija sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-ktajjen tal-provvista reżiljenti. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni f'oqsma teknoloġiċi strateġiċi ewlenin, bħas-semikondutturi. Fl-istess ħin, il-prevenzjoni tat-trasferiment mhux awtorizzat jew l-użu ħażin ta' teknoloġiji sensittivi trid tkun prijorità komuni. L-involviment aktar mill-qrib tan-negozju fil-ħidma tat-TTC ser jgħin biex jiżgura twettiq effettiv.
7. Il-Kunsill jilqa' l-approfondiment tas-sħubijiet ta' riċerka u innovazzjoni, li jingranaw kemm l-ekosistemi vibranti tal-kumpaniji startup tal-UE kif ukoll tal-Indja u l-ġhodod ta' innovazzjoni rispettivi, inkluż permezz tas-Sħubija ta' Negozji Ġodda proposta bejn l-UE u l-Indja, iċ-Ċentri ta' Innovazzjoni UE-Indja u l-istedina estiża għall-Indja biex issir assoċjata ma' Orizzont Ewropa.

8. It-tranżizzjoni ekoloġika tinsab fil-qalba tal-isforzi għall-avvanz tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-Ftehim ta' Pariġi u l-għan tiegħu ta' 1.5°C, ir-Rendikont Globali, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Aġenda 2030. Il-Kunsill jissottolinja l-hteġa li naħdmu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet globali, inkluż b'kontributi determinati fil-livell nazzjonali fl-ekonomija inġenerali, li jinkludu l-gassijiet serra kollha, u permezz ta' kooperazzjoni dwar id-dekarbonizzazzjoni industrijali għall-produzzjoni tal-ħadid u l-azzar dekarbonizzati. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid is-Sħubija dwar l-Enerġija Nadifa u l-Klima bejn l-UE u l-Indja bħala qafas ewlieni għall-kooperazzjoni, u jilqa' l-impenn biex tiġi avvanzata l-kollaborazzjoni dwar enerġija sikura u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż l-idroġenu, u teknoloġiji kritiċi oħra, b'appoġġ għall-oġettivi kondiviżi dwar l-enerġija, il-klima u l-iżvilupp ekonomiku.
9. Il-Kunsill jilqa' l-inizjattivi biex tissaħħaħ il-konnettività bejn l-UE u l-Indja. Il-Global Gateway tal-UE jaqdi rwol vitali fit-twassil ta' appoġġ finanzjarju u tekniku għal infrastruttura reżiljenti u konnettività sigura u affidabbli. Il-kollaborazzjoni mal-Indja fuq il-Kuritur Ekonomiku bejn l-Indja u l-Lvant Nofsani u l-Ewropa, inkluż permezz tal-Global Gateway, qed tiftaħ possibbiltajiet ġodda għal konnettività transreġjonali.
10. L-UE u l-Indja t-tnejn qed jiffaċċaw diversi sfidi f'dinja b'perspettiva ġeopolitika dejjem aktar kumplessa. Dawn jinkludu l-vjolazzjonijiet tal-integrità territorjali, l-iskjeramenti u l-eżerċizzji militari ostili, it-terroriżmu, it-theddid ibridu, inkluż il-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni u l-Interferenza minn Barranin (FIMI), l-impedimenti għal-libertà tan-navigazzjoni u tat-titjiriet li jgħaddu minn fuq it-territorju, l-użu tal-ispazju bħala arma u l-impatt fuq is-sigurtà tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali.

11. L-UE ser tkompli tinvolvi ruħha mal-Indja dwar l-aspetti kollha tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna - li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU - inkluż l-isforzi għal paċi ġusta u dejjiema, il-prevenzjoni tal-esportazzjoni mill-ġdid ta' oġġetti tal-kamp tal-battalja u teknoloġiji b'użu doppju lejn ir-Russja, il-ġlieda kontra l-prattiki illegali tal-flotta mistura tar-Russja, kif ukoll iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE, speċjalment fuq l-esportazzjonijiet taż-żejt mir-Russja. L-UE tinsab lesta li tinvolvi ruħha mal-Indja fi Djalogu dwar id-Diversifikazzjoni tal-Importazzjoni tal-Enerġija bl-għan li jiġu żgurati sorsi affidabbli u affordabbli. B'kunsiderazzjoni tal-interessi strateġiċi, ta' sigurtà u kummerċjali, l-UE u l-Indja t-tnejn huma impenjati lejn Indo-Paċifiku ħieles u miftuħ, mirfud mid-dritt internazzjonali, inkluż l-UNCLOS. Il-parteċipazzjoni tal-UE fl-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan u fl-Inizjattiva għall-Oċeani tar-reġjun Indo-Paċifiku, b'mod komuni mal-Indja, tipprovdi spazju għal involviment akbar.
12. Il-Kunsill jilqa' kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn l-UE u l-Indja dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża bbażata fuq il-prinċipji ta' fiduċja u rispettt reċiproċi. Il-Kunsill jieħu nota tal-intenzjoni li titkompla l-ħidma għat-twaqqif ta' Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża, li tista' tipprovdi qafas komprensiv li jippermetti kooperazzjoni aktar mill-qrib u jsaħħaħ id-djalogu u l-involvement eżistenti u fil-futur, inkluż dwar is-sigurtà marittima, in-nonproliferazzjoni u d-diżarm, l-ispazju, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġlieda kontra t-theddid ċibernetiku u ibridu, u jiffaċilita l-kooperazzjoni industrijali fil-qasam tad-difiża meta jkun xieraq. Il-Kunsill jilqa' aktar żvilupp tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż bl-avvanz tal-kooperazzjoni operazzjonali, bħal dik bejn il-Europol u l-Uffiċċju Ċentrali Indjan tal-Investigazzjoni. Il-Kunsill jieħu nota tal-passi biex jiġi konkluż Ftehim dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni biex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata u kooperazzjoni aktar b'saħħitha fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża, f'konformità mal-interessi tas-sigurtà tal-UE u l-Istati Membri tagħha, li jista' jwassal għall-parteċipazzjoni tal-Indja f'inizjattivi ta' sigurtà u difiża tal-UE f'konformità mal-oqfsa bbażati fuq it-Trattat tal-UE.

13. Il-Kunsill jappoġġa l-iżvilupp ta' attivitajiet konġunti tal-baħar mal-Forza Navali Indjana, inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni tal-EUNAVFOR ATALANTA u l-EUNAVFOR ASPIDES, u t-tisħiħ ulterjuri tal-għarfien tas-sitwazzjoni marittima, bil-ħsieb tal-promozzjoni ta' valutazzjoni, koordinazzjoni u interoperabbiltà komuni, kif ukoll il-qsim tal-aħjar prattiki u informazzjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri fuq il-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika. Il-Kunsill jistenna b'interess il-parteċipazzjoni possibbli tal-Indja f'missjonijiet ċivili u militari fil-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE, b'rispett sħiħ għall-proċessi rispettivi ta' teħid ta' deċiżjonijiet.
14. In-natura miftuħa tas-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Indja ser tiġi żviluppata aktar, inkluż permezz ta' kooperazzjoni trilaterali ma' stati terzi f'oqsma bħall-infrastruttura pubblika diġitali, permezz ta' involviment fil-livell globali biex tiġi appoġġata r-reżiljenza għall-klima f'pajjiżi terzi, b'ħidma flimkien mal-Koalizzjoni għall-Infrastruttura Reżiljenti għad-Diżastri u l-Alleanza Solari Internazzjonali, u permezz ta' sforzi kondiviżi fl-oqsma tal-assistenza umanitarja, it-tħejjija u l-ġestjoni fir-rigward tad-diżastri, il-mobbiltà u t-trasport sostenibbli.
15. Il-Kunsill jenfasizza l-kapaċità u r-responsabbiltà konġunti tal-Unjoni Ewropea u l-Indja li jissalvagwardjaw il-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli bil-Karta tan-NU fil-qalba tagħha, kif ukoll is-sistema kummerċjali multilaterali, b'mod partikolari d-WTO. Il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri u n-normi demokratiċi, id-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tan-nisa u t-tfal, huma parti intrinsika tal-aġenda strateġika bejn l-UE u l-Indja, li tinfed il-prijoritajiet strateġiċi stipulati fil-Komunikazzjoni Konġunta. L-UE u l-Indja għandhom ikomplu jsaħħu l-impenn tagħhom dwar dawk il-valuri komuni u jintensifikaw il-kooperazzjoni bilateralment u f'fora multilaterali fejn possibbli.

16. Il-Kunsill jilqa' ż-żieda fl-isforzi biex jiġu promossi u ffaċilitati – filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali – proċeduri ta' migrazzjoni u mobbiltà ordnati, sikuri, regolari u responsabbli għal professjonisti tas-sengħa bejn l-UE u l-Indja permezz ta' inizjattivi ġodda u mmirati, bħall-Uffiċċju Ewropew tal-Gateway Legali, immirati lejn konnettività akbar tas-swieq tax-xogħol tagħna u benefiċċju reċiproku tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tagħna, kif ukoll biex jiżdiedu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari.
17. Il-Kunsill jappoġġa t-tisħiħ tar-rabtiet bejn il-persuni u d-djalogu strutturat bejn l-UE u l-Indja, partikolarment permezz ta' kooperazzjoni msaħħa fl-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, gruppi ta' riflessjoni, u l-innovazzjoni, kif ukoll skambji kulturali, bħala mezz biex titrawwem iċ-ċirkolazzjoni tat-talenti, jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-ħiliet u jsir investiment fil-ġenerazzjonijiet futuri.
18. Il-Kunsill ifakkar fil-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Indja fl-oqsma ta' prijetà stipulati fil-Komunikazzjoni Konġunta, kif ukoll l-importanza li jiġi żgurat it-tisħiħ reċiproku u l-impatt tal-involvement tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE f'dawk l-oqsma.
19. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex imexxu 'l quddiem l-artikolazzjoni u l-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika l-ġdida bejn l-UE u l-Indja abbażi tal-prijoritajiet stipulati fil-Komunikazzjoni Konġunta.